

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġit

21.9.2006

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-2006

Jekk jogħġbok, hawnhekk għandek issib mehmuża proposta għat-trasferiment ta' approprijazzjonijiet C20 - sena finanzjarja 2006

DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKI INTERNI

Mr Janusz LEWANDOWSKI
Chairman tal-Kumitat għall-Baġit

Suġġett: Talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet C20 - sena finanzjarja 2006

Għażiż Sur Lewandowski,

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, hawnhekk, jekk jogħġbok, għandek issib mehmuża talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet li beħsiebni napprova fi żmien tliet ġimgħat.

Dejjem tiegħek,

Josep BORRELL FONTELLES

Anness: Talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet C20/2006

I. DESKRIZZJONI

Trasferiment ta' approprjazzjonijiet C20/2006

minn: entrata 1200 "Uffiċjali u persunal temporanju: remunerazzjoni u allowances"
€ 770 000

għal: sub-entrata 3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji"
+ € 650 000

entrata 1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni" + € 120 000

II. KIF JINSABU L-APPROPRJAZZJONIJIET: skond Finics fid-19 ta' Settembru 2006

Approprjazzjonijiet tal-bidu trasferimenti ± AB ±	Impenji meħuda	Ħlasijiet magħmula	Approprjazzjonijiet disponibbli qabel it-trasferiment propost	Ammont tat-trasferiment propost	Approprjazzjonijiet disponibbli wara t-trasferiment propost
MINN					
1200 "Uffiċjali u persunal temporanju: remunerazzjoni u allowances"					
452 168 775					
- 250 000	C9				
- 6 200 000	C11				
- 35 000	C14				
- 24 025 699	C18 pendenti				
421 658 076	394 589 347	308 818 254	27 068 729	-770 000	26 298 729
TOTAL LI JRID IKUN ITTRASFERIT 'IL BARRA				- 770 000	
LILL					
3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji"					
19 067 935	19 067 000	9 593 626	935	+ 650 000	650 935
1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni"					
975 000	900 000	386 645	75 000	+ 120 000	195 000
TOTAL LI JRID IKUN ITTRASFERIT 'IL ĠEWWA				+ 770 000	

III. ĠUSTIFIKAZZJONI

3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji" + € 650 000

1. Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-infiq fuq spejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' l-allowances ta' kuljum waqt missjoni, u l-ispejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jiġġarrbu waqt il-qadi tal-missjoni, inklużi spejjeż anċillari li jirrelataw ma' biljetti u riżervazzjonijiet skond ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikulari l-Artikolu 71 tagħhom u l-Artikoli 11 u 13 ta' l-Anness VII meħmuż magħhom.

2. L-ammont allokati lis-sub-entrata fil-baġit ta' l-2006 huwa ta' € 19,067,935.

1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni"

+ € 120 000

3. Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri spejjeż fuq missjoni li jirrelataw ma' taħriġ ulterjuri.

4. L-ammont allokati lis-sub-entrata fil-baġit ta' l-2006 huwa ta' € 975,000.

L-għan tal-proposta preżenti huwa li tintalab żieda għas-sub-entrata 3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji" ta' € 650,000 u żieda fl-entrata 1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni" ta' € 120,000 meħtieġa biex tiġi koperta nefqa addizzjonali wara żdiedu l-allowances għal missjoni.

5. Qabel din is-sena, la limiti fuq in-nefqa fuq lukandi u lanqas l-allowances ta' kuljum għal persunal fuq missjoni ma kienu żdiedu mill-1997 lil hawn. Ir-Regolamenti ta' l-Istaff ġodda jobbligaw lill-Kummissjoni biex tagħmel reviżjonijiet perjodiċi, l-ewwel waħda saret din is-sena, u wasslet għar-Regolament tal-Kunsill Nru 1066/2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006. Għaldaqstant dan għandu jħalli impatt sinifikanti fuq l-infiq taħt iż-żewġ entrati inkwistjoni fit-tieni nofs tas-sena. Evalwazzjoni ta' l-impatt għaż-żewġ entrati tinstab hawn taħt.

6. Il-limiti l-ġodda fuq in-nefqa fuq lukandi għandhom iħallu impatt partikulari fuq missjonijiet bejn postijiet differenti ta' xogħol, li jispjegaw il-biċċa l-kbira ta' l-infiq taħt din l-entrata. Fil-prattika, madankollu, iż-żieda aktarx li tkun limitata mill-element ta' rata fissa fir-regoli dwar missjonijiet adottati mill-Bureau fi Frar 2005, li jipprovdu inċentiv lill-istaff biex ma jużawx dawk il-lukandi l-iktar għoljin.

Sub-entrata 3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji"

7. Għall-appropriazzjonijiet totali għas-sub-entrata 3000/01 ġie stabbilit l-ammont ta' € 19,067,935 għas-sena finanzjarja 2006. In-nefqa sat-8 ta' Settembru (jiġifieri inkluża s-sessjoni ta' Settembru f'Strasburg) tammonta għal total ta' madwar € 13,000,000. Jekk wieħed jassumi li ssir ż-żieda li saret referenza għaliha qabel, l-ispejjeż għall-bqija tas-sena jistgħu jiġu kkalkulati li jaslu sa € 4,680,000 għas-sessjonijiet ta' Strasburg u € 2,400,000 għall-missjonijiet l-oħra, li jagħmlu total ta' € 7,080,000. Is-sitwazzjoni għal din l-entrata b'hekk tkun kif ġej:

Bilanċ reali Jannar - Settembru:	€ 13 000 000
nefqa pproġettata Settembru - Diċembru:	€ 7 080 000
Total:	€ 20 080 000
allokazzjoni lill-entrata:	€ 19 067 935
defiċit ikkalkulat:	€ 1 012 065

8. Sub-entrata 3000/02, li tiffinanzja missjonijiet għal kumitati u delegazzjonijiet (inklużi l-assembleji parlamentari ACP) u li hija inqas affettwata mis-sub-entrata 3000/01 miż-żieda fil-limiti fuq lukandi, aktarx se turi żejjed ta' € 350,000. Dan l-ammont jista' jagħmel tajjeb għad-defiċit imsemmi hawn fuq. Għalhekk, huwa propost li jsir trasferiment ta' € 650,000 għas-sub-entrata 3000/01.

Entrata 1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni"

9. L-Entrata 1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni" tiffinanzja missjonijiet li jsiru fil-kuntest tat-taħriġ professjonali. Peress li r-regoli attwali, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2006, iqiegħdu missjonijiet bħal dawn fl-istess baskett ma' oħrajn f'termini tar-rati applikabbli, dawn il-missjonijiet ukoll se jkunu affettwati mill-allowances il-ġodda għal kuljum introdotti mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1066/2006. L-impatt ta' dawn ir-rati ġodda huwa kkalkulat li jilħaq € 36,000.
10. Barra minn hekk, fid-dawl ta' l-importanza mkabbra ta' l-uffiċċji esterni fil-kuntest tal-politika dwar l-informazzjoni ġdida, u r-riżorsi umani addizzjonali li huma disponibbli lillhom mill-awtorità baġitarja, DG INFO żviluppa skema ta' taħriġ għall-persunal li tinvolvi perjodi f'Brussell fejn il-parteciċipanti jiffamiljarizzaw ruħhom ma' kif tiffunzjona l-istituzzjoni. L-ispiża għal din l-iskema fl-2006 hija kkalkulata li tilħaq € 44,000.
11. Waqt li l-politika riveduta dwar it-taħriġ, adottata mill-Bureau, toffri mmirar aħjar tar-riżorsi għat-taħriġ, irriżultat ukoll f'żieda fin-numru globali ta' missjonijiet, u l-ispiża addizzjonali tagħhom hija kkalkulata li tilħaq € 40,000.
12. Għalhekk huwa propost li s-somma totali tiġi trasferita, jiġifieri € 36,000 + € 44,000 + € 40,000, ta' € 120,000 lill-entrata 1613.

Entrata ta' donazzjoni

13. Fil-kapitolu 12 "Uffiċjali u persunal temporanju", l-uniku sors possibbli għas-somma totali meħtieġa (€ 770,000) huwa l-entrata 1200 "Remunerazzjoni u allowances". Waqt li din l-entrata għandha żejjed sostanzjali li jirriżulta minn postijiet vakanti u l-impatt 'l isfel tar-Regolamenti ta' l-Istaff ġodda fuq allowances, ħafna minn dan iż-żejjed diġà ġie assenjat għall-iffinanzjar tal-bini f'Strasburgu (trasferiment C18). Minkejja dan, huwa propost li s-somma inkwistjoni tiġi trasferita minn din l-entrata, u li b'hekk jitnaqqas għal minimu ż-żejjed mistenni.
14. ***Fiċ-ċirkostanzi, huwa propost li l-ammont ta' € 650,000 mill-entrata 1200 "Uffiċjali u persunal temporanju: remunerazzjoni u allowances" jiġi trasferit għall-entrata 3000/01 "Spejjeż tal-persunal fuq missjoni: sessjonijiet parzjali, kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi u mixellanji" u li s-somma ta' € 120,000 mill-entrata 1200 tiġi trasferita għall-entrata 1613 "Taħriġ ulterjuri: spejjeż fuq missjoni".***

IV. TALBA MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI DELEGAT LI QED JIRĊIEVI T-TRASFERIMENT

Barrington WILSON

Firma:

Data:

V. APPROVAZZJONI TA' L-UFFIĊJALI AWTORIZZANTI DELEGATI LI QED JIKKONĊEDU T-TRASFERIMENT

Barrington WILSON

Firma:

Data:

DEĊIŻJONI TAL-PRESIDENT

Meħud tliet ġimgħat wara l-avviż mill-Kumitat għall-Baġit jew wara deċiżjoni preċedenti tal-Kumitat għall-Baġit

Trasferiment C20 huwa approvat

Il-President

Firma:

Data: